# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 9 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 2.**
**Citazz. Nru. 2483/98 JRM**

**ELMO INSURANCE SERVICES LIMITED, in rappresentanza tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ruth Farrugia u l-istess Ruth FARRUGIA**

**vs**

**Rosario SULTANA.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-Citazzjoni tat-30 ta' Novembru, 1998, li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fl-1 ta' Jannar 1998 ghal xi l-10.00 a.m., waqt li l-car Daihatsu Nru. FAU 796, proprjeta' tal-attrici Ruth Farrugia, kienet ipparkjata gio Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid, din sfat milquta – flimkien ma' tliet vetturi ohra pparkjati mill-bus Nru. EBY 571 misjuqa mill-konvenut (Dok. 1);

Illi l-vettura Nru. FAU 796 kienet assikurata mas-socjeta' attrici noe taht polza comprehensive, u l-attrici Ruth Farrugia, bhala l-assikurat, ghamlet claim in konnessjoni mal-incident fuq riferit;

Illi d-danni tal-atturi kienu jammontaw ghal total ta' elf sitt mija tlieta u erbghin lira u sitta u tletin centezmu (Lm1643.36c) dovuti in kwantu ghal elf erba' mija wiehed u erbghin lira u sitta u disghin centezmu (Lm1441.96c) lis-socjeta' attrici noe bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif ukoll spejjez ohra konnessi u rizultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici noe giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal mitejn u wiehed liri u erbghin centezmu (Lm201.40c) lill-attrici Ruth Farrugia bhala danni minnha subiti u mhux koperti mill-polza comprehensive (Dok. 2 sa Dok. 12);

Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut baqa' inadempjenti ghalkemm kien interpellat biex jersaq ghar-risarciment tad-danni attrici;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;

2. Tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont komplessiv ta' elf sitt mija tlieta u erbghin lira sitta u tletin centezmu (Lm1643.36c) occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Services Limited noe is-somma ta' elf erba' mija wiehed u erbghin lira u sitta u disghin centezmu (Lm1441.96c) bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif ukoll spejjez ohra konnessi u rizultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici noe giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal mitejn u wiehed liri u erbghin centezmu (Lm201.40c) lill-attrici Ruth Farrugia bhala danni minnha subiti u mhux koperti mill-polza;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Mejju 1998 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mill-11 ta' Mejju 1998, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-istess Socjeta' attrici li maghha kien hemm mehmuza tnax-il (12) dokument;

Rat id-Degriet taghha tas-7 ta' Dicembru, 1998, diversament presjeduta, li bih appuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-udjenza tal-25 ta' Mejju, 1998;

Rat illi l-konvenut, notifikat bil-mezz tal-procedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni skond l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, baqa' ma ressaq l-ebda eccezzjoni u lanqas qatt ma deher fil-kawza fid-drabi li giet imsejha, u b'hekk waqa' kontumaci;

Semghet ix-xiehda tas-Socjeta' attrici;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tas-Socjeta' attrici;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Rat id-Degriet taghha tad-29 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-azzjoni mmexxija mis-Socjeta' attrici hija mibnija fuq ir-rabta kuntrattwali li din kellha mal-assikurata taghha, l-attrici l-ohra Ruth Farrugia, bis-sahha ta' polza ta' assikurazzjoni tal-ghamla *comprehensive* fuq karozza tal-ghamla *Daihatsu Charade*, registrata bin-numru FAU-796, proprjeta' ta' din l-imsemmija attrici;

Illi l-istess karozza tal-attrici Farrugia, waqt li kienet ipparkjata ma' genb Triq Ghajn Dwieli fl-ewwel (1) ta' Jannar, tal-1998, intlaqtet mix-xarabank registrat bin-numru EBY-571, li dak il-hin kien qed jinsaq mill-imharrek;

Illi, minhabba li, bid-daqqa, il-karozza tal-attrici Farrugia garrbet hsarat, u l-istess attrici kienet ressqet talba mas-Socjeta' attrici biex taghmel tajjeb ghat-tiswijiet li kienu mehtiega fuq is-sahha tal-polza ta' assikurazzjoni li kellha fis-sehh maghha fil-waqt ta' dak l-incident, is-Socjeta' attrici kienet hallset l-ispejjez kollha mehtiega biex il-karozza tal-attrici tissewwa kif imiss;

Illi, kif isegwi wkoll mill-istess polza u bis-sahha tal-ligi, is-Socjeta' attrici, wara li ghamlet tajjeb ghall-hsarat imgarrba mill-attrici Farrugia u ghaliex temmen li l-htija ta' dak l-incident kienet tal-konvenut, dahlet fil-jeddijiet tal-assikurata taghha u fethet din il-kawa wara li talbet lill-istess imharrek jersaq ghall-hlas tad-danni mgarrba u dan naqas li jwettaq dak minnu mitlub;

Illi hemm xi konsiderazzjonijiet li din il-Qorti trid taghmel qabel taqta' din il-kawza, u dan mhux anqas minhabba l-fatt li m'hemmx kontestazzjoni formali tax-xilja attrici min-naha tal-konvenut li, bil-kontumacja tieghu, ma jitqiesx li stqarr it-talbiet tas-Socjeta' attrici;

Illi, fl-ewwel lok, ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' <u>l-mod</u> <u>kif sehh l-incident</u>, il-verzjoni msemmija mis-Socjeta' attrici tghid li l-karozza ta' l-attrici Ruth Farrugia kienet wieqfa, anzi ipparkjata, meta x-xarabank misjuq mill-konvenut baqa' diehel fiha. Il-Qorti, dwar din il-verzjoni, issib konferma kemm fir-rapport qsajjar tal-incident maghmul mill-ufficjal tal-pulizija fuq ir-Rapport tal-Habta [Dok 1, f'pagna 7 tal-process] u kif ukoll mill-kopja tal-iskizz [f'pagna 8 tal-process]. Jidher li l-hsarat li garrbet il-karozza tal-attrici kienu fil-bicca l-kbira taghhom l-effett dirett tal-habta tax-xarabank gio fiha: minbarra dan, jidher li, mad-daqqa, il- karozza tal-attrici thabbtet mal-karozza ta' quddiemha (registrata bin-numru KAF-734) u ghamlitilha hsara wkoll. Prova ohra siewja dwar il-verzjoni ta' kif sehh l-incident tohrog mix-xhieda tas-Surgent Zahra moghtija minnu fis-seduta tal-31 t'Ottubru, 2000 [pag 51-2 tal-process], ghaliex fiha jsemmi x'qallu l-imharrek innifsu meta mar fuq il-post tal-habta;

Illi lanqas ma huwa kontestat li l-imharrek kien qieghed isuq ix-xarabank li habat fil-karozza tal-attrici Farrugia;

Illi huwa bla ghadd id-decizjonijiet tal-Qrati taghna dwar il-grad ta' responsabbilta' mehtiega meta sewwieq ikun qieghed jimmanuvra vettura qrib linja ta' karozzi ipparkjati [ara, per ezempju, s-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta (VBC) fil-kawza fl-ismijiet <u>*John Cassar vs Carmel Bugeja*</u> maqtugha fil-**5 ta' Lulju, 1987**]. Minbarra dan, sewwieq li jahbat ma' karozza li tkun wieqfa ghax ipparkjata jitqies ghal kollox responsabbli ghall-habta, jekk ma jkunx muri li l-karozza l-wieqfa kienet qeghda tohloq xkiel ghal sewqan normali, jew holqot emergenza li s-sewwieq ma setax jevita [ara, per ezempju, ***Gibb*** *"Trial of Motor Car Accident Cases",*

Para.90, u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-**29 t'Ottubru, 1999**, fil-kawza fl-ismijiet "Albert Grech vs John Attard"];

Illi, skond ma xehed is-Surgent Zahra, il-konvenut qallu li l-habta sehhet ghax, meta ipprova japplika l-*brakes*, dawn ma hadmux u skiddja gol-karozzi li kien hemm ipparkjati fuq in-naha tax-xellug tieghu. Il-fatt wahdu li karozza tiskiddja u tahbat f'ohra mhux, fih innifsu, mera tal-htija tas-sewwieq, ghaliex l-i*skid* huwa fattur newtrali: huwa mehtieg li wiehed jara x'kienu r-ragunijiet li wasslu karozza li tiskiddja [ara Appell Civili fil-kawza fl-ismijiet *A L M Enterprises Limited vs Prof. Roger Ellul Micallef et* maqtugha fil-**21 ta' Jannar, 2000**]. Illi, fil-kaz presenti, huwa l-imharrek innifsu li jaghti r-raguni ilghaliex ix-xarabank li kien qieghed isuq skiddja, u jsemmi li dan sehh ghax marrulu l-*brakes*. Issa kif qalet il-[Qorti tal-Appell (Sedi Inferjuri) f'sentenza fil-kawza fl-ismijiet *Godfrey Aquilina vs Joseph Schembri et* maqtugha fis-**17 ta' Gunju, 1999**, sewwieq li jahbat f'karozza ohra wara li l-karozza tieghu tigrilha hsara jitqies responsabbli ghall-habta jekk ma jsehhlux jipprova li l-hsara fegget bla htija min-naha tieghu u li, meta beda l-vjagg, il-karozza kienet qeghda tahdem sew;

Illi, f'dan il-kaz, mhux biss ma jirrisultax li l-attrici kienet b'xi mod hatja ghall-habta, imma l-imharrek ma ressaq l-ebda prova biex ixaqleb il-presunzjoni tal-ligi li, minn kliemu stess, il-htija wahdanija tal-habta kienet taqa' kollox kemm hi fuqu;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta' hsara mgarrba mill-attrici, il-Qorti kellha tistrieh biss fuq il-provi dokumentali mehmuza mac-Citazzjoni. Ir-Rapport tal-Habta (f'pagna 8 tal-process) jghid li l-hsara mgarrba mill-karozzi involuti kienet wahda estensiva. Is-Socjeta' attrici tghid li l-hsara li kellha l-karozza tal-attrici Farrugia u li taghha s-Socjeta' attrici hallsitha kienet tlahhaq l-ammont ta' Lm1441.96. Ir-rapport tas-Surveyor datat 7 ta' Jannar, 1998 [Dok 2 f'pagna 9 tal-process] jaghti litanija shiha ta' hsarat imgarrba u ta' *parts* li kellhom jinbidlu. Minn ezami tad-Dokumenti mehmuza mad-Dikjarazzjoni, jirrisulta li hemm ricevuti li jammontaw ghal

Lm743.96 dwar *parts* mixtrija godda [Dokti 4, 5, 10 u 11], Lm3.00 dwar kopja tar-Rapport tal-Habta [Dok 3] u Lm710.00 dwar xoghlijiet ta' tellar u zebgha mill- gdid [Dokti 6, 7, 8 u 9]. Dawn huma hmistax-il lira (Lm15) izjed mill-ammont imsemmi fid-Dikjarazzjoni. Minbarra dan, hemm l-ammont ta' Lm176.40 imnissla minn kiri ta' karozza min-naha tal-attrici ghal madwar xahar [Dok 12], li maghhom jizdied l-ammont ta' Lm25 bhala *excess;*

Illi, minhabba f'hekk, il-Qorti ssib li b'kollox id-danni ippruvati li ghalihom ghandhom jedd ta' hlas l-atturi jammontaw ghal elf sitt mija u tlieta u erbghin lira u sitta u tletin centezmu (Lm1643.36);

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-imharrek:

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi** u tiddikjara lill-istess Rosario Sultana l-hati wahdieni tal-habta li sehhet fl-1 ta' Jannar, 1998, ghall-habta tal ghaxra ta' fil-ghodu fi Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid, bejn ix-xarabank EBY-571 misjuq minnu u l-karozza FAU-796 tal-attrici Ruth Farrugia, u, ghalhekk, responsabbli wkoll ghall-hlas tad-danni kollha li sehhew minhabba l-istess habta;

2. **Tillikwida l-hsara** mgarrba mill-atturi fl-imsemmija habta fis-somma ta' elf sitt mija u tlieta u erbghin lira maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1643.36); u

3. **Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-imharrek Rosario Sultana li jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija u wiehed u erbghin lira maltin u sitta u disghin centezmu (Lm1441.96) u lill-attrici Ruth Farrugia s-somma ta' mitejn u lira maltin u erbghin centezmu (Lm201.40).

Tikkundanna lill-konvenut ihallas ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba, bl-imghax dekorribbli mill-11 ta' Mejju, 1998, sal-jum tal-hlas effettiv.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF.**
**9 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**9 ta' Jannar, 2001.**